**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors numru : 153/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) – certifikat taz-zwieg anness u market Dok. 'A'.

Illi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju elfejn u hmistax (2015), il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat digriet numerat 2001/15 (anness u markat Dok 'B'), li permezz tieghu giet awtorizzata l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' separazzjoni personali, li fil-fatt gie pubblikat skont ma jirrizulta mid-Dokument anness u markat Dok. 'C'.

Illi minn dan iz-zwieg twieldet wild wahda, HB, li ghadha minorenni.

Inoltre, ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimat u lanqas vice-versa. Ai termini tal-abbozz surriferit, huwa l-intimat li ghandu jivversa manteniment mensili, fis-somma ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220), versu l-bzonnijiet tal-wild minuri.

Illi minkejja l-fatt li l-kuntratt tas-separazzjoni gie pubblikat fis-sena elfejn u hmistax (2015), il-partijiet kienu ilhom de facto separati mis-sena 2011 u fil-fatt, fl-isfond ta' dan l-inkwiet, fis-16 ta' Marzu 2012 kienu diga resqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, kif jirrizulta mid-Dokument C anness.

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara iz-zwieg taghha mal-intimat, Adam Wiffen, bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi. Ghal dan il-ghan, titlob ukoll bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fiz-zmien hekk akkordat minnha, biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta, izda deher ghas-seduta, debitament assistit u oppona illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ghaliex skont hu ma ghaddiex il-perjodu ta' erba' snin li huwa wiehed illi matulu il-partijiet ilhom de facto separati u dan huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti effettivament irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Lulju 2015, izda ilhom de facto separati ghal mill-anqas erba’ snin matul l-ahhar hames snin qabel ma gieipprezentat ir-rikors promotur;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.